# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

17.11.2008 0100/2008

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn María Badía i Cutchet, Katerina Batzeli, Manolis Mavrommatis, Hannu Takkula, Mikel Irujo Amezaga

dwar it-twaqqif ta' Ġurnata Ewropea tal-Isport

Data ta' skadenza: 12.3.2009

**0100/2008**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-twaqqif ta' Ġurnata Ewropea tal-Isport**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-White Paper dwar l-Isports,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-isport jagħti kontribut importanti lill-objettivi strateġiċi tal-Unjoni Ewropea ta' solidarjetà u prosperità,

B. billi l-isport jippromwovi l-kontribut attiv taċ-ċittadini tal-UE lejn is-soċjetà u jikkontribwixxi għal żvilupp personali, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni,

C. billi n-nuqqas ta' eżerċizzju jista' jwassal għal aktar obeżità u mard kroniku, speċjalment fost it-tfal,

D. billi l-ideal Olimpiku li l-isport ikun żviluppat biex jippromovi l-paċi u l-ftehim fost in-nazzjonijiet u l-kulturi kellu l-bidu tiegħu fl-Ewropa,

E. billi s-Sena Ewropea tal-Edukazzjoni permezz tal-Isport 2004 bil-għan li ttejjeb is-sħubija bejn id-dinja tal-edukazzjoni u dik tal-isport, kienet suċċess,

1. Jenfasizza l-irwol tal-isport fl-oqsma soċjali, kulturali, tas-saħħa u edukattivi, u jqis li dan hu strument eċċellenti ta' koeżjoni soċjali fl-Ewropa;

2. Jenfasizza li l-isport jista' jikkontribwixxi biex jaffronta t-theddidiet u l-isfidi ġodda li tfaċċaw fis-soċjetà Ewropea;

3. Jipproponi li l-Kummissjoni tistabbilixxi Ġurnata Ewropea tal-Isport annwali fl-14 ta' Mejju, biex tfakkar l-ewwel darba li n-nisa pparteċipaw fil-Logħob Olimpiku (L-Olimpjadi tas-Sajf Pariġi 1900) bħala sinjal li l-isport għandu jippromwovi l-ugwaljanza fis-setturi kollha;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.